# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 39**

**Citaz. numru 2/81**

**Albert Mizzi f'isem "Central Mediterranean Development Corporation Limited".**

**vs**

**Alfred Cassar, Edward u Louisa Farrugia**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : IR-RIKORS PROMOTORJU**

1. B'rikors datat is-26 ta' Lulju 2000, ir-rikorrent, wara li ppremettew:-

Illi l-intimat fl-14 ta' Settembru 1981, ipprezenta libell, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, permezz ta' liema ssottometta li bis-sahha tal-

kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella tat-28 ta' Novembru 1980 l-libellanti nomine cioe' l-intimat nomine odjern, kkonceda b'titolu ta' subenfitewsi temporaneja bicca art markata numru 124, f'Wied ta' Ghajn Zejtuna, l-Mellieha, bil-kondizzjonijiet u pattijiet hemm stipulati.

Illi permezz ta' dan l-istess libell il-libellanti nomine jirrileva il-kondizzjonijiet fl-imsemmi kuntratt rilevanti ghall-proceduri li kien qed jistitwixxi quddiem dik l-Onorabbli Qorti w dawn kienu s-segwenti – (i) *the grantee is to erect a boathouse similar in al respects to those already in existence in Santa Maria Estate within a period of one month from the date of this deed. The plan of the boathouse must be submitted to and approved by the Company upon commencement of the workss. The grantee shall have no right to alter or in any matter vary the structure of the boathouse when constructed, including the door and the facade which are to be similar to the doors and facade of the boathouses already in existence in Santa Maria Estate.*

Illi in oltre l-libellanti nomine ssottometta li *kuntrarjament ghal tali kondizzjonijiet il-konvenut*, cioe' l-esponenti odjern, bena jew qed jibni strutturi ohra li la gew approvati mill-attur, is-socjeta' intimata fir-rikors odjern, u lanqas ma huma permessi mill-kuntratt imsemmi, specifikatament illi bena kamra ohra fuq l-istess boathouse, kostitwita fit-tieni sular.

Illi l-libellanti nomine filwaqt li rrileva wkoll dak provdut fil-paragrafu 7 ta' l-imsemmi kuntratt tat-28 ta' Settembru 1980 : *The said boathouse shall not be used for residential or commercial purposes but shall be used exclusively as a boathouse or store* allega li kuntrarjament ghall-obbligazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 tal-kuntratt il-konvenut qieghed juza l-istess boathouse bi skop ta' abitazzjoni.

Illi l-libellanti nomine permezz ta' tali libell talab li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili : (i) tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, iwaqqa' kull bidla u kostruzzjoni abuziva li huwa ghamel fl-imsemmija boathouse sabiex jikkonforma ruhu ma' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu ; (ii) fin-nuqqas tawtorizza lill-attur li jezegwixxi dan ix-xoghol taht it-tmexxija ta' perit arkitett li jrud jigi nominat a spejjez tal-konvenut ; (iii) tiddikjara li l-konvenut kiser l-obbligazzjoni stipulata fil-paragrafu 7 ta' l-imsemmi kuntratt.

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara li rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-libellanti nomine u wara li rat ir-rapport peritali tal-Periti nominati minn dik l-istess Qorti permezz ta' Digriet datat 13 ta' Ottubru 1982, ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha u qatghet u ddecidiet il-libell, permezz ta' sentenza moghtija fit-13 ta' Frar 1998 wara l-kawza fl-ismijiet **"Albert Mizzi f'isem Central Mediterranean Corporation Limited – vs Alfred Cassar", rikors numru 2/81**, billi cahdet l-ewwel u t-tieni talba attrici u laqghet it-tielet talba attrici **bl-ispejjez tal-libell**

**jithallsu in kwantu ghal nofs mill-libellanti nomine (l-intimat nomine odjern) u in kwantu ghar-rimanenti nofs mill-libellat (l-esponenti odjern).**

Illi l-libellat, l-esponenti nomine, hass ruhu aggravat b'tali sentenza ta' l-Prim'Awla tal-Qorti Civili in kwantu li t-tielet domanda giet akkordata u fl-4 ta' Marzu 1998 ipprezenta rikors ta' l-Appell fejn talab illi waqt li l-parti tas-sentenza fejn cahdet l-ewwel zewg domandi kellha tigi kkonfermata izda t-tielet parti fejn giet milqugha t-tielet domanda kellha tigi revokata.

Illi din il-Qorti wara li rat ir-rikors ta' l-appell, rat ir-risposta tal-libellanti nomine, rat l-atti tal-process tal-kawza quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u s-sentenza hawn fuq imsemmija u ghamlet il-konsiderazzjonijiet necessarji, ddecidiet ir-rikors ta' l-appell permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' April 2000, billi cahdet it-talba fih maghmula ghar-revoka tat-tielet parti tas-sentenza appellata u kkonfermat l-imsemmija sentenza **fl-interezz taghha. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-libellat (l-esponenti odjern).**

Illi kif jirrizulta miz-zewg sentenzi hawn fuq imsemmija, cioe' s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tat-13 ta' Frar 1998 u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' April 2000, f'din l-ahhar sentenza din l-Onorabbli

Qorti filwaqt li **kkonfermat is-sentenza appellata fl-interezz taghha ddecidiet li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-libellat.**

Illi jirrizulta ghalhekk fl-ewwel lok, illi s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u precizament iddecide ta' tali sentenza, tikkonsisti f'disposizzjoni kontra xulxin, billi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti kkonfermat is-sentenza appellata fl-interezz taghha, biddlet dak provdut mill-Ewwel Onorabbli Qorti dwar il-hlas ta' l-ispejjez taz-zewg istanzi.

Illi in oltre u fit-tieni lok mill-atti tal-process relattivi ghar-rikors ta' l-appell jirrizulta li l-uniku rikors ta' l-appell relattiv ghas-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, kien effettivament dak ipprezentat mill-esponenti odjern li permezz tieghu talab illi waqt li l-parti tas-sentenza fejn cahdet l-ewwel zewg domandi kellha tigi konfermata izda t-tielet parti fejn giet milqugha t-tielet domanda kellha tigi revokata. Mentri l-intimat odjern ma pprezenta ebda forma ta' appelli jew appell incidentali permezz ta' liema talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka dak provdut fis-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti a rigward il-kap ta' l-ispejjez. B'hekk din l-Onorabbli Qorti tat sentenza fuq fattur li m'huwiex imdahhal fit-talba tal-libellat appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu u in oltre lanqas ma hemm fl-atti tal-process talba rilevanti ghal tali fattur da parte tal-parti l-ohra.

Illi jirrizulta ghalhekk illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti hekk kif deciza, tikkaguna pregudizzju akbar lill-esponent milli lill-

intimat nominee jekk issir it-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 823 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, jirrizulta wkoll illi l-libell kien sar biss ftit xhur wara li l-libellat, l-esponenti ta' dan ir-rikors, kien akkwista l-istess fond in kwistjoni minghand is-socjeta' intimata, liema fatt jispjega wahdu 'l ghaliex il-libellant nomine kien naqas milli jgib provi rigward l-uzu minnu allegat ta' l-istess fond fiz-zmien qasir bejn id-data tal-akkwist u d-data tal-prezentata tal-libell.

Illi in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 811 (f) u (i) tal-Kapitolu 12 sabiex l-esponenti jaghmel talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talab li prevja r-revoka u thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' April 2000, wara l-kawza fl-ismijiet premessi, in kwantu ghat-tielet domanda u cioe' li l-konvenut kien kiser l-obbligazzjoni stipulata fil-paragrafu 7 tal-kuntratt in dezamina, u ghal-kap tal-ispejjez, din il-Qorti tordna (i) is-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza billi l-esponenti qed joffri l-mallaverja ghall-esekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni, rikjesta ai termini ta' l-Artikolu 823 (2) u ta' l-Artikolu 266 (10) tal-Kapitolu 12 u (ii) tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza hawn fuq indikata fuq it-tielet domanda u fuq il-kap indikat u dan ai termini ta' l-Artikolu 811 (f) u (i) tal-Kapitolu 12.

**IR-RISPOSTA TA' ALBERT MIZZI F'ISEM CENTRAL MEDITERRANEAN DEVELOPMENT CORPORATION LIMITED GHAR-RIKORS TA' RITRATTAZZJONI**

2. Ir-ritrattat nomine wiegeb hekk :-

(i) Illi fl-ewwel lok l-irritwalita' tal-proceduri odjerni stante li l-ewwel l-libell numru tal-kawza ma giex indikat kif ghandu fir-rikors promotur u t-tieni li l-istess rikors promotur ma jindikax kif ghandu li huwa wiehed ta' ritrattazzjoni u anzi jindika li huwa rikors semplici.

(ii) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost jrid jinghad li t-talba tal-parti l-ohra ghandha tigi michuda ghas-segwenti ragunijiet u cioe' :-

A. L-artikolu 811 tas-subartikolu (f) li qed jaghmel referenza ghalih l-parti l-ohra jghid "*jekk sentenza tkun giet moghtija fuq haga ghax imdahhla fit-talba*" dan huwa kaz ta' ultra petita mhux dan odjern. Dan qed jinghad ghax huwa risaput li la darba jsir appell dik il-Qorti ghanda kull dritt li tidhol u tiddeciedi l-kwistjoni hija ex-novo minghajr indhil jew irbit minn dak li jinghad mill-Qorti in prima istanza. Ghalhekk meta l-imsemmija Qorti ta' l-Appell ghaddiet in gudizzju hija kienet fil-konfini tal-legittima meta ddecidiet li r-rikorrenti odjern ghandu jbati l-ispejjez

kollha tal-kawza. Bir-rispett kollu l-imsemmija Qorti kellha wkoll id-dritt li zzid l-ispejjez legali b'penalitajiet bhal spejjez doppji u multi kif ghamlet del resto fl-istess gurnata b'sentenza ohra taghha fl-ismijiet Alfred Zammit vs John Buttigiet deciza 28 ta' April 2000.

B. Illi fit-tieni lok jinghad ukoll li l-artikolu 811 subartikolu (i) li jghid "jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin" ma huwiex assolutament applikabbli ghal kaz odjern. Ghax l-artikolu jikkontempla biss il-kaz fejn l-istess korp tal-istess sentenza u mhux ta' zewg sentenzi separati. Ghalhekk anki fuq l-aggravju l-parti l-ohra ma ghandhiex ragun.

(iii) Illi fit-tielet lok irid jinghad ukoll li huwa risaput li hemm insenjament li l-artikolu 811 huwa ta' interpretazzjoni stretta hafna u dak li qed jigi sottomess mill-parti l-ohra huwa effettivament stedina sabiex din il-Qorti tiddipartixxi mill-insenjament ta' dawn is-snin kollha li b'sentenzi varji stabbilew li l-kazijiet imsemmija mill-imsemmija rikorrenti ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern. Jinghad ulterjorment u dejjem minghajr pregudizzju li l-Qrati tghna stabbilew ukoll li meta jsir zball dan imur kontra l-parti u ma jistax jigi sanat.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

3. Din il-procedura hija intiza biex, kemm-il darba tigi milqugha favorevolment it-talba tar-rikorrent, issir allura r-ritrattazzjoni tad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2000 f'kawza istitwita kontra tieghu mill-kontro-parti ritrattata (attrici f'dik il-kawza). Dik id-decizjoni moghtija fit-tieni grad, filwaqt li kkonfermat fl-intier taghha dak li gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Frar 1998, varjat il-kap tal-ispejjez billi ddecidiet li dawna l-ispejjez gudizzjarji kellhom jithallsu mill-libellat (ritrattand odjern) – a differenza minn dak deciz fl-ewwel istanza fejn il-kap ta' l-ispejjez fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha kien gie spartit nofs b'nofs bejn il-kontendenti.

4. Ir-rikorrent ritrattand qieghed jissottometti li tenut kont tal-fatt li ma kien hemm ebda appell incidentali jew xi talba fir-rigward tal-kap tal-ispejjez quddiem il-Qorti tal-Appell, dik il-Qorti giet li "tat sentenza fuq fattur li m'huwiex imdahhal fit-talba" tieghu u lanqas ma kien hemm talba f'dan is-sens mill-parti l-ohra.

5. Illi r-rikorrent ritrattand qieghed jinvoka, ghal fini ta' ritrattazzjoni, l-artikolu 811, subinciz (f) u (i) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat li riferribbilment ghas-subinciz 811 (f), il-ligi tal-procedura tistipula li hemm raguni ghal fini ta' ritrattazzjoni :

> "jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhux imdahhla fit-talba".

6. Illi meta wiehed jezamina r-rikors ta' l-appell intavolat mir-ritrattand fil-Qorti tal-Appell, jirrizulta li dana kien jikkonprendi fih ukoll (ara l-paragrafu konkluziv tieghu) talba fis-sens li l-ispejjez taz-zewg istanzi kellha tbatihom il-kontroparti. Dan ifisser mela li l-appellant kien qieghed fil-fatt jitlob ukoll riforma jew varjazzjoni fil-kap tal-ispejjez. Dan, apparti l-konsiderazzjoni l-ohra – punt gustament ribadit mir-ritrattat fir-risposta tieghu – li la darba jsir appell dik il-Qorti ghandha kull dritt jew fakolta' li tinvesti u tiddeciedi l-kwistjoni hija mill-gdid u minghajr ma tkun marbuta b'dak li jkun gja' deciz u dana meta t-talba tkun qeghda tkopri anke l-kap ta' l-ispejjez. Certament ghalhekk dan ma huwiex kaz ta' ultra petita u l-aggravju dwaru ma jirrizultax.

7. Ikkunsidrat imbaghad ukoll is-subinciz 811 (i) tal-Kap 12, jigifieri li hemm kaz ta' ritrattazzjoni

"jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin."

Illi ghalkemm jirrizulta li l-Qorti tal-Appell, filwaqt li ma biddlet xejn minn kif kien gie deciz fil-meritu mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, hija b'danakollu varjat il-kap tal-ispejjez in kwantu dan kien jirreferi ghall-ispejjez relativi ghall-ewwel istanza, b'daqstant xorta wahda ma jistax jigi ritenut li fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Fil-fatt, hawn si tratta ta' zewg sentenzi u mhux sentenza wahda, jigifieri dik moghtija mill-ewwel Qorti u dik moghtija mill-Qorti ta' l-Appell. Fil-fehma tal-Qorti tali

"kontradizzjoni" jew inkongruwita' trid tkun manifesta fil-korp ta' l-istess sentenza u mhux bejn zewg sentenzi proceduralment separati minn xulxin.

Illi ghalhekk dan l-aggravju, bhal fil-kaz ta' l-aggravju bbazat fuq is-subinciz l-iehor, ma huwiex fondat.

8. Illi fl-ahharnett din il-Qorti terga tenfasizza l-punt li procedura ta' ritrattazzjoni mhux biss hija wahda eccezzjonali imma hija wkoll ta' interpretazzjoni strettissima. Barra minn dan, fil-paragrafu penultimu tal-premessi tieghu fir-rikors tieghu, r-ritrattand jaghmel accenn ghal dak li jikkoncerna l-meritu meta dana hu punt li se mai seta' jigi vventilat li kkunsirat kemm-il darba l-procedura kollha tghaddi mill-istadju tat-thassir ta' dik is-sentenza, li kif gja' inghad supra mhuwiex il-kaz relattivament ghall-procedura in ezami.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent ritrattand bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu.

Dep/Reg

mg